MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2003

Talba Numru. 874/2002/1

**Aquatess Limited
vs
Stephen Galea**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm335.88 (tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-3 ta' Ottubru 2001, 13 ta' Novembru 2001, 10 ta' Dicembru 2001, 11 ta' Jannar 2002, u 8 ta' Frar, 2002 u bl-imghax tat-8% fuq Lm335.88 (tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) mit-3 ta' Ottubru 2001, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqgha kontumaci;

Sema’ lil Dr Renato Cefai jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa’ it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm335.88 (tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu). Bl-ispejjes u l-interessi skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------